



01.3.2024

DOKUMENT TA' ҒIDMA

dwar Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE fir-rigward ta' qafas ta' appoġġ għat-trasport intermodali tal-merkanzija u r-Regolament (UE) 2020/1056 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kalkolu tal-iffrankar tal-kostijiet esterni u l-ġenerazzjoni ta' data aggregata

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Massimiliano Salini

Id-Direttiva dwar Trasport Ikkombinat

Ħarsa ġenerali lejn l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat fl-Ewropa

Id-Direttiva dwar it-Trasport Ikkombinat illum il-ġurnata hija l-pilastru tal-istrateġija Ewropea għall-promozzjoni tal-adozzjoni ta' operazzjonijiet tat-trasport li jinvolvu modi differenti ta' trasport, bħall-ferrovija, it-tbaħħir fuq distanzi qosra u l-passaġġi fuq l-ilma interni b'partijiet ta' trasport bit-triq limitati. Sa mill-1992, id-Direttiva kienet it-test legali ewlieni li indirizza l-kwistjoni tal-iżvilupp tat-trasport ikkombinat fl-UE.

It-tiŝiħ tal-iżvilupp tat-trasport ikkombinat huwa ta' importanza kbira għall-industrija Ewropea, peress li jippromwovi soluzzjonijiet ta' trasport sostenibbli, jikkontribwixxi għat-tnaqqis tat-tniġġis, tal-istorbju, tal-konġestjoni u tal-inċidenti tat-traffiku, filwaqt li jiżgura użu aktar effiċjenti tar-riżorsi tat-trasport biex is-settur ikun jista' jikseb ekonomiji ta' skala.

Ta' min jinnota li llum il-ġurnata t-tendenza tat-tqassim modali turi li fl-2021 it-trasport bit-triq tal-UE kien jammonta għal 77% tat-trasport tal-merkanzija fuq l-art, filwaqt li l-ferroviji u l-passaġġi fuq l-ilma interni kienu jammontaw għal 17% u 6% rispettivament.¹ Biex tiġi żgurata sistema tat-trasport Ewropea li tkun tiflaħ għall-futur, intelliġenti u sostenibbli, il-modi kollha tat-trasport għandhom ir-rwol tagħhom x'jaqdu. Importanti li jiġi sfruttat il-potenzjal tal-modi kollha tat-trasport sabiex tingħata spinta lill-kompetittività tat-trasport ikkombinat.

It-Trasport Ikkombinat barra mill-UE

Sitwazzjoni simili tista' tinstab lil hinn mill-fruntieri Ewropej. Fil-fatt, il-Grupp ta' Ħidma tan-NU dwar it-Trasport Intermodali u l-Loġistika (WP 24) ilu mill-1951 jirrappreżenta forum għall-iskambju ta' informazzjoni dwar politika u teknika u l-aħjar prattiki dwar it-trasport ikkombinat u intermodali. L-għan huwa li jiġi inkoraġġut l-użu tat-trasport ikkombinat madwar is-56 pajjiż membru tal-NUKEE, filwaqt li jsir sforz ukoll favur l-użu ottimali tat-tagħmir, l-infrastruttura u t-terminals relatati.

Fl-1987, il-Grupp ta' Ħidma beda x-xogħol tiegħu biex jagħżel network ta' linji ewlenin tat-trasport ikkombinat li jikkonformaw ma' standards uniformi aċċettati u mal-aħjar prattiki, bil-għan li jissaħħu b'mod kwalitattiv l-istandards tas-servizzi tat-trasport ikkombinat internazzjonali. Dan wassal għall-implimentazzjoni tal-Ftehim Ewropew dwar Linji ta' Trasport Ikkombinat Internazzjonali Importanti u Installazzjonijiet Relatati (Ftehim AGTC), li daħal fis-seħħ fl-1993, li jipprovdi l-istruttura teknika u legali meħtieġa għall-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport intermodali u kkombinata internazzjonali effiċjenti madwar l-Ewropa. Dan jiddetermina rotot ferrovjarji Ewropej importanti użati għat-trasport intermodali, jagħżel terminals ewlenin, punti ta' qsim tal-fruntiera, u konnessjonijiet tal-laneċ.²

¹ Tqassim modali tat-trasport tal-merkanzija intern
https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tran_hv_frmod/default/table?lang=mt

² NUKKE WP.24 https://unece.org/DAM/trans/wp24/Tryptique_WP24_English.pdf

Id-WP 24 ilu mill-2007 iżomm rendikont tal-miżuri ta' politika nazzjonali ta' 19-il stat membru tal-NUKEE biex jippromwovu t-trasport intermodali u l-miżuri ta' appoġġ regolatorju nazzjonali rispettivi.

Ir-rapport tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri

Kif enfasizzat mir-rapport speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri tal-2023 dwar it-trasport intermodali tal-merkanzija³, tali kundizzjonijiet mhux ugwali għat-trasport tal-merkanzija intermodali jiddependu minn diversi fatturi, bħall-iżvilupp tal-infrastrutturi tat-terminals u n-nuqqas ta' strateġija tal-UE ddedikata dwar l-intermodalità, li tittratta n-nuqqasijiet fit-tfassil ta' miri realistiċi tal-UE dwar it-trasport intermodali. Ta' min jenfasizza wkoll li n-nuqqas ta' data mill-Istati Membri affettwa b'mod negattiv it-tentattiv tal-Kummissjoni biex timmonitorja l-iżvilupp tal-intermodalità.

Il-partijiet ikkonċernati intervistati indikaw li d-Direttiva tal-1992 ma tippromwovix bis-sħiħ it-trasport ikkombinat fl-UE, u enfasizzaw li l-limitu minimu ta' 100km għal taqsimiet mhux fit-triq jaqta' barra dawk is-servizzi kollha li jgħaqqdu l-portijiet mal-hinterland u r-rekwiżit obsolet li jkun hemm dokument stampat ittimbrat mill-awtoritajiet ferrovjarji u tal-port. Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri pprovdiet ukoll rakkomandazzjonijiet għall-Kummissjoni, u talbet titjib fil-ġbir tad-data dwar it-trasport intermodali fil-livell nazzjonali, biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn l-Eurostat u l-uffiċċji nazzjonali. Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ntalbet tneħħi l-ostakli regolatorji eżistenti biex tiżdied il-kompetittività tal-ferroviji u tal-passaġġi fuq l-ilma interni u żżid l-inċentivi għat-trasport intermodali. Barra minn hekk, enfasizzat il-ħtieġa li tiġi stabbilita l-ħidma fundamentali għal valutazzjoni kkoordinata mill-Istati Membri tal-ħtiġijiet tat-terminals intermodali.

Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni: approċċ ġdid għat-trasport ikkombinat?

Il-proposta l-ġdida ppubblikata mill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2023, temenda d-Direttiva msemmija hawn fuq bħala parti mill-Pakkett dwar l-Ekoloġizzazzjoni tat-Trasport tal-Merkanzija u tirrappreżenta t-tielet tentattiv biex jiġi rivedut dan it-test legali. Fil-fatt, il-Kummissjoni diġà pproponiet revizzjoni tad-Direttiva kemm fl-1998⁴ kif ukoll fl-2017⁵, iżda peress li ma ntlaħaq l-ebda ftehim fin-negozjati interistituzzjonali, il-Kummissjoni rtirat il-proposti.

Aħna nirrikonoxxu l-isforzi li għamlet il-Kummissjoni fil-proposta l-ġdida tagħha u nemmnu li revizzjoni hija essenzjali sabiex tikkontribwixxi għal żvilupp reali u fattibbli tas-suq tat-trasport ikkombinat fl-UE u biex isir aktar effiċjenti u kompetittiv. Tabilħaqq, skont l-

³ Rapport Speċjali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri
https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/tran_hv_frmod/default/table?lang=mt

⁴ Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (mhux disponibbli bil-Malti)
[https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/ALL/?uri=CELEX:51998PC0414\(01\)](https://eur-lex.europa.eu/legal-content/en/ALL/?uri=CELEX:51998PC0414(01))

⁵ Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1510583870974&uri=COM:2017:648:FIN>

evalwazzjoni ex-post tar-REFIT ippreżentata mill-Kummissjoni fl-2016, id-Direttiva tal-1992 tibqa' mekkaniżmu vijabbli għall-promozzjoni tat-trasport ikkombinat, għalkemm hemm lok konsiderevoli għal titjib. Id-definizzjoni mhux ċara tat-trasport ikkombinat ma wrietx li hija kompletament effettiva. L-implimentazzjoni varjata tagħha madwar l-Istati Membri, flimkien ma' nuqqas ta' infurzar, irriżultaw fit-trawwim ta' inċertezza legali fi ħdan is-suq tat-trasport ikkombinat u llimitat il-kapaċità tal-industrija li tibbenefika mid-Direttiva. Barra minn hekk, ċerti aspetti tad-definizzjoni tat-trasport ikkombinat jitqiesu skaduti jew restrittivi żżejjed, li jdgħajjef l-effettività tad-direttiva nnifisha. Apparti minn hekk, ir-rwol tad-diġitalizzazzjoni huwa essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament tajjeb tas-settur, peress li jevita l-użu ta' dokumenti bbażati fuq il-karta, u b'hekk inaqqas il-piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi. Barra minn hekk, in-nuqqas ta' data komparabbli dwar it-trasport ikkombinat joħloq problemi peress li mhux l-Istati Membri kollha jiġbru tali informazzjoni. Abbażi tad-data tal-Kummissjoni, 13-il Stat Membru biss jiġbru u janalizzaw sistematikament data statistika dwar operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat.⁶

Barra minn dan, fil-konsultazzjoni pubblika mnedija mill-Kummissjoni fl-2022⁷ biex tipprovdi feedback dwar kif it-trasport intermodali jista' jiġi mtejjeb, 80% tal-partijiet interessati argumentaw li kien hemm differenzi sinifikanti dwar il-kompetittività tat-trasport intermodali fl-Istati Membri, minħabba d-disponibbiltà u l-kwalità tal-infrastrutturi, bħat-terminals u l-ferroviji, kif ukoll fl-appoġġ ipprovdut mill-Istati Membri bħall-finanzjament tal-infrastruttura u l-ġhajjnuna mill-Istat. B'mod partikolari, ġew enfasizzati sitt fatturi bħala li jaffettwaw in-nuqqas ta' kompetittività tat-trasport intermodali, jiġifieri, l-ispejjeż tat-trasbord, in-nuqqas ta' terminals u offerti ta' servizz fit-terminals xierqa, dewmien u ħinijiet itwal ta' tranżitu u l-ispiża tal-operazzjonijiet bieb bieb.

Kollox ma' kollox, l-appoġġ regolatorju u finanzjarju għat-trasport intermodali s'issa ma kienx effettiv u promozzjonali biżżejjed peress li ma għenx biex jiġi sfruttat il-potenzjal tiegħu u ma għamlux kompetittiv għal kollox minħabba n-nuqqas ta' ċarezza legali u minħabba l-eżistenza ta' ostakli regolatorji u infrastrutturali.

Niddefinixxu mill-ġdid it-trasport ikkombinat

Il-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni tbiddel b'mod sinifikanti l-Artikolu 1, billi tintroduċi elementi ġodda sabiex tadattah u tallinjah mal-bidliet ekonomiċi, teknoloġiċi u regolatorji profondi li seħħew sadanittant. Bl-introduzzjoni ta' qafas ta' appoġġ għall-operazzjonijiet tat-trasport intermodali, id-Direttiva tipprovdi wkoll sett ġdid ta' definizzjonijiet. B'mod partikolari, id-definizzjoni l-ġdida ta' trasport ikkombinat tinbidel b'mod sinifikanti meta mqabbla ma' dik attwali.

It-trasport ikkombinat ġie definit għall-ewwel darba fid-Direttiva 92/106/KEE bħala "it-trasport ta' merkanzija bejn Stati Membri fejn it-trakk, it-trejler, is-semitrejler, bi jew mingħajr unità tal-ġbid, kaxxa skambjabbli jew kontejner ta' 20 pied jew aktar juża t-triq fit-

⁶ VALUTAZZJONI EX POST TAR-REFIT <https://transport.ec.europa.eu/system/files/2016-09/swd%25282016%2529140-final-report.pdf>

⁷ Konsultazzjoni pubblika https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13010-Sustainable-transport-revision-of-Combined-Transport-Directive_mt

taqsima inizjali jew finali tal-vjaġġ u, tul it-taqsima l-oħra, il-ferrovija jew passaġġi fuq l-ilma interni jew servizzi marittimi fejn din is-sezzjoni taqbeż il-100km f'linja dritta u jagħmel it-taqsima inizjali jew finali tat-trasport bit-triq tal-vjaġġ;

- bejn il-punt fejn il-merkanzija tiġi mgħobbija u l-eqreb stazzjon tat-tagħbija tal-ferrovija adattat għat-taqsima inizjali, u bejn l-eqreb stazzjoni tal-ħatt tal-ferrovija adattat u l-punt fejn il-merkanzija tiġi mħatta għat-taqsima finali,
- jew fi ħdan raġġ li ma jaqbiżx il-150km f'linja dritta mill-port tal-passaġġ tal-ilma intern jew port tal-baħar tat-tagħbija jew tal-ħatt.”⁸

Il-proposta l-ġdida timmodifika d-definizzjoni b'mod sinifikanti, u żżid il-kundizzjoni li l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha tnaqqas b'mill-inqas 40% l-ispejjeż esterni meta mqabbla mal-operazzjoni alternattiva tat-trasport unimodali bit-triq, skont il-metodoloġija stabbilita abbażi tal-valuri tal-unità mill-Manwal tal-ispejjeż esterni tat-trasport. Skont id-Direttiva l-ġdida, il-metodoloġija konkreta għall-kalkolu tal-ispejjeż esterni u l-eliġibilità għall-benefiċċju minn miżuri ta' appoġġ fir-rigward tat-trasport ikkombinat għandha tiġi stabbilita permezz ta' att ta' implimentazzjoni.

Din il-bidla fl-approċċ hija minħabba l-fatt li d-definizzjoni bbażata fuq il-limiti tad-distanza ġiet ikkritikata peress li ma kkunsidratx l-eteroġeneità tar-reġjuni Ewropej u l-karatteristiċi ta' tagħhom, u fuq kollox, mhux neċessarjament tippromwovi t-tnaqqis tal-ispejjeż esterni. Għal din ir-raġuni, id-Direttiva l-ġdida titlob għall-introduzzjoni ta' limitu ta' iffrankar minn spejjeż esterni, b'mod partikolari, it-tniġġis tal-arja, l-emissjonijiet ta' GHG, il-korrimenti, l-istorbju u l-konġestjoni, ta' operazzjoni intermodali meta mqabbla mat-trasport unimodali alternattiv. Barra minn hekk, il-kalkolu tal-ispejjeż esterni għandu jkollha il-fażijiet kollha tat-trasport intermodali, inklużi dawk imwettqa fit-terminals.

Aħna nilqgħu l-ambizzjoni tal-Kummissjoni li trawwem soluzzjonijiet tat-trasport sostenibbli u li tnaqqas l-ispejjeż esterni billi tappoġġja u tippromwovi t-trasport ikkombinat. Madankollu nemmnu li d-definizzjoni l-ġdida qed iġġib ammont sinifikanti ta' inċertezza. Fil-fatt għandu jkun preferibbli li jiġu pprovduti kundizzjonijiet aktar sempliċi biex l-operazzjonijiet isiru eliġibbli għal inċentivi u biex jiġi evitat kwalunkwe piż amministrattiv u operazzjonali għall-operaturi intermodali. Barra minn hekk, ħafna mill-partijiet ikkonċernati mis-settur tat-trasport huma pjuttost xettiċi dwar l-operabbiltà tad-definizzjoni l-ġdida. L-approċċ il-ġdid propost mill-Kummissjoni jista' jagħmel l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat kumplessi u ta' piż eċċessiv, u b'hekk jiskoraġġixxi lill-atturi fil-katina loġistika milli jagħżlu t-trasport ikkombinat.

Bħalissa, mhuwiex ċar eżattament kif il-limitu ta' 40% se jiġi kkalkulat u ma' liema linja bażi fir-rigward tat-trasport unimodali se jitqabbel. Għal din ir-raġuni, huwa importanti li jkun hemm aktar informazzjoni teknika konkreta dwar il-limitu ta' 40% stabbilit mill-Kummissjoni, speċjalment fid-dawl tar-reviżjoni li jmiss tal-Manwal tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż esterni tat-trasport.

Huwa importanti li din ir-reviżjoni tiżgura konsistenza mal-isfidi l-ġodda għas-suq Ewropew

⁸ Direttiva tal-Kunsill 92/106/KEE tas-7 ta' Diċembru 1992 dwar it-twaqqif ta' regoli komuni għal ċerti tipi ta' trasport ikkombinat tal-merkanzija bejn l-Istati Membri (mhux disponibbli bil-Malti) <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A31992L0106>

u għall-iżvilupp teknoloġiku. Huwa wkoll ta' importanza kbira li tiġi pprovduta data dwar l-ispejjeż esterni mill-modi kollha tat-trasport u tiġi evalwata l-ħtieġa li jiġu inklużi wkoll parametri jew data oħra konsistenti ma' evidenza xjentifika u innovazzjonijiet tekniċi u tiġi pprovduta ċarezza. Huwa tabilħaqq imperattiv li jkun hemm bażi affidabbli għall-iżvilupp ta' approċċ komprensiv li jqis ir-rwol ewlieni li għandhom it-teknoloġiji ġodda fis-settur tat-trasport Ewropew. Għal din ir-raġuni, jista' jkun ta' siwi li l-Kummissjoni timpenja ruħha b'mod attiv mal-partijiet ikkonċernati biex tiżgura li l-leġiżlazzjoni żżomm l-istess pass mal-industrija tat-trasport.

L-involviment tal-partijiet ikkonċernati mis-settur tat-trasport fil-ġbir ta' kontributi tekniċi dwar ir-reviżjoni tal-Manwal jista' jikkontribwixxi għal żvilupp effiċjenti u li jilqa' għall-futur tat-trasport ikkombinat fis-suq Ewropew. Sabiex it-trasport ikkombinat isir aktar kompetittiv, jistgħu jiġu kkunsidrati inċentivi addizzjonali għal operazzjonijiet li jiżguraw it-tnaqqis tal-ispejjeż esterni b'aktar minn 40%.

II-Pjattaforma e-FTI

Bil-għan li jiġi żgurat li operazzjonijiet ta' trasport intermodali kwalifikati biss ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-qafas ta' appoġġ deskritt f'din id-Direttiva, huwa kruċjali li tiġi vverifikata l-aderenza ta' kull operazzjoni mal-kundizzjonijiet speċifikati mill-qafas ta' appoġġ. Aħna nilqgħu l-idea tal-Kummissjoni li tiddependi fuq teknoloġiji diġitali moderni li jistgħu jivverifikaw il-konformità għall-operazzjonijiet kollha. Il-ġestjoni tad-data, tal-informazzjoni u tal-għodod għandha rwol ewlieni biex titjeb it-trasparenza fl-istabbiliment ta' kriterji ta' eliġibbiltà tal-operazzjoni tat-trasport ikkombinat, b'mod konsistenti mal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, filwaqt li jiġi indirizzat ukoll il-piż amministrattiv għall-industrija.

L-għodod diġitali jistgħu jkunu vitali biex it-trasport ikkombinat isir aktar kompetittiv u biex issaħħu l-ħolqien ta' data aggregata u biex jippromwovu l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-flussi tat-traffiku għall-utenti u għall-awtoritajiet pubbliċi, filwaqt li jrawmu l-ippjanar tal-investimenti u l-aċċessibbiltà għall-iktar għażla effiċjenti ta' operazzjoni kkombinata.

Aħna nilqgħu l-użu ta' pjattaforma elettronika ta' informazzjoni dwar it-trasport tal-merkanzija għal data tat-trasport diġitali stabbilita skont ir-Regolament (UE) 1056/2020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (l-hekk imsejħa pjattaformi e-FTI). Skont id-Direttiva, l-intrapriża li torganizza l-operazzjoni tat-trasport ikkombinat għandha tipprovdi informazzjoni dwar it-trasport fuq il-pjattaforma msemmija hawn fuq qabel il-bidu tal-operazzjoni kkombinata kkonċernata sabiex tagħmel użu mill-qafas ta' appoġġ stabbilit mid-Direttiva. L-informazzjoni mitluba hija meħtieġa għall-prova tal-konformità, filwaqt li l-ebda data addizzjonali ma għandha tintalab mill-awtoritajiet nazzjonali.

L-użu ta' din il-pjattaforma diġitali jista' jkun allinjat sew mal-miri diġitali u jipprovdi għodda effettiva biex jitnaqqas il-piż amministrattiv u jippermetti li l-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat iżżommu l-pass mal-iżvilupp teknoloġiku. L-għodod diġitali jistgħu wkoll jikkontribwixxu għal disponibbiltà aħjar ta' data dwar it-trasport tal-merkanzija anke rigward il-post u l-prestazzjoni tal-flussi tat-trasport ikkombinat l-aktar effiċjenti li jistgħu jimmiraw li jkomplu jtejbu l-politiki tat-trasport ikkombinat u li jrawmu investimenti li jevitaw il-konġestjoni tat-toroq f'rotot speċifiċi.

Min-naħa l-oħra, irridu niżguraw li nirrikorru għall-Pjattaforma e-FTI biss meta tkun kompletament disponibbli u operattiva fl-Ewropa, sabiex jiġi evitat li tali qafas iqajjem diversi kwistjonijiet tekniċi u ta' implimentazzjoni sinifikanti. L-għodod tad-diġitalizzazzjoni jistgħu jissimplifikaw b'mod kwantitattiv u kwalitattiv il-proċeduri għall-eliġibilità għall-qafas ta' appoġġ. Madankollu, huwa importanti li tiġi żgurata l-koerenza tal-implimentazzjoni tal-pjattaformi e-FTI mad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Importanti li wieħed iżomm kont tal-implimentazzjoni xierqa tar-regolament tal-e-FTI bħala prekondizzjoni biex jiġi vvalutat l-iffrankar tal-ispejjeż esterni. Barra minn hekk, huwa kruċjali li jiġi ċċarat il-qafas ta' żmien għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni li jikkonċernaw il-kalkolu tal-ispejjeż esterni. Din il-miżura se tipprevjeni r-riskju li jiġi pperikolat l-iżvilupp tat-trasport ikkombinat fl-Istati Membri, filwaqt li tevita kwalunkwe nuqqas ta' trasparenza dwar il-kriterji adottati.

Oqsfa strateġiċi nazzjonali

L-Istati Membri għandhom rwol ewlieni fid-definizzjoni u l-aġġustament tal-politiki nazzjonali biex jieħdu l-miżuri meħtieġa biex itejbu l-kompetittività tat-trasport ikkombinat. Filwaqt li wħud mill-pajjiżi Ewropej diġà għandhom politiki nazzjonali li jippromwovu l-intermodalità fis-seħħ, oħrajn m'għandhomx miżuri ta' appoġġ, li jirriżulta fi frammentazzjoni li tnaqqas l-effettività tad-Direttiva fl-Ewropa. Sabiex tiġi indirizzata din il-kwistjoni, il-proposta l-ġdida tistabbilixxi li l-Istati Membri kollha għandhom jadottaw qafas ta' politika nazzjonali biex jiffaċilitaw l-adozzjoni tal-intermodalità, inklużi miżuri kemm regolatorji kif ukoll mhux regolatorji. Din id-dispożizzjoni l-ġdida tirrappreżenta għodda ewlenija li tindirizza l-approċċ frammentat madwar l-Ewropa.

Skont id-Direttiva, dawn il-miżuri għandhom jimmiraw li jiksbu tnaqqis ġenerali kumulattiv ta' mill-inqas 10% tal-ispejjeż totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat imġarrba mill-impriżi li jorganizzaw operazzjoni tat-trasport ikkombinat sa seba' snin u nofs wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva. Barra minn hekk, għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-iżvilupp ta' teknoloġiji li jistgħu jrawmu l-adozzjoni ta' operazzjonijiet ta' trasport ikkombinat u joħolqu konnessjoni ġdida bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni bejn terminals ta' trażbord intermodali mhux konnessi.

Jista' jkun preferibbli li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu fil-kundizzjonijiet li jiggarrantixxu tnaqqis ġenerali ta' mill-inqas 10% tal-ispejjeż totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom, abbażi tal-elementi teknoloġiċi u infrastrutturali tagħhom. Ikun ta' benefiċċju wkoll li jkun hemm dettalji tekniċi dwar il-metodu ta' kalkolu ta' tali limitu ta' 10% biex tiġi pprovduta ċarezza aħjar. Minħabba l-limitu ambizzjuż propost mill-Kummissjoni, jista' jkun xieraq li l-Istati Membri jingħataw rakkomandazzjonijiet dwar il-miżuri possibbli, li jispeċifikaw jekk għandhomx ikunu strutturali jew temporanji.

Ir-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporteur

- It-trasport ikkombinat irid ikun għodda effiċjenti għas-settur tat-trasport Ewropew. Huwa għalhekk li nappellaw għal approċċ realistiku li jista' jżid b'mod sinifikanti l-kompetittività tal-industriji Ewropej filwaqt li jipprovdi benefiċċji ambjentali. L-użu tat-trasport ikkombinat għandu jitħeġġeġ aktar.

- L-istrateġija proposta mill-Kummissjoni biex tinbidel drastikament id-definizzjoni attwali b'limitu ta' 40% ta' tnaqqis fl-ispiża esterna ġġib ħafna inċertezza għall-industrija. Din id-definizzjoni u l-metodoloġija sottostanti jeħtieġu aktar evalwazzjoni u kjarifika biex jiġu evitati kwalunkwe inċertezzi u piż amministrattiv għas-settur. Huwa importanti li niżguraw kundizzjonijiet ekwi bejn il-modi kollha tat-trasport, peress li l-modi kollha tat-trasport għandhom ir-rwol tagħhom x'jaqdu fil-vjaġġ tagħna lejn sistema tat-trasport sostenibbli. Ikun preferibbli li jiġu pprovduti kundizzjonijiet aktar sempliċi u armonizzati u ddikjarati b'mod ċar biex l-operazzjonijiet isiru eliġibbli għal inċentivi, jitneħħew l-ambigwitajiet kollha għall-atturi kollha involuti u t-trasport ikkombinat isir aktar attraenti għas-suq Ewropew.
- Għal aktar ċarezza, huwa imperattiv li jinkisbu aktar referenzi tekniċi u metodoloġija dwar il-limitu ta' 40% magħżul. Barra minn hekk, il-Manwal tal-Kummissjoni dwar l-ispejjeż esterni tat-trasport imur lura għall-2019 u r-reviżjoni li jmiss se tiddel il-metodoloġija ġenerali tal-ispiża esterna. Din ir-reviżjoni għandha tibbenefika wkoll minn inputs tekniċi tal-partijiet ikkonċernati mis-settur tat-trasport.
- Nappellaw għall-iffissar ta' qafas ta' żmien speċifiku għall-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni mill-Kummissjoni dwar il-kalkolu tal-ispejjeż esterni, peress li dan l-approċċ jista' jipperikola t-trasparenza tal-kriterji adottati, u b'hekk jirriżulta fit-tidjif tal-kompetittività tat-trasport ikkombinat.
- Huwa importanti li nagħtu inċentivi addizzjonali lil dawg l-operazzjonijiet tat-trasport li jistgħu jipproduċu aktar minn 40 % tnaqqis tal-ispejjeż esterni sabiex tiġi mmotivata l-industrija u jkompli jsir titjib fis-sostenibbiltà tas-sistema tat-trasport tagħna.
- Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni tal-operazzjonijiet tat-trasport intermodali tirrappreżenta element ewlieni għall-iżvilupp tas-settur, ikun importanti li jiġi żgurat li t-tnedija operattiva tal-Pjattaforma e-FTI tkun koerenti mad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. Iċ-ċertezza legali hija tassew essenzjali.
- Ikun utli li jissaħħaħ il-ħolqien ta' bażi ta' data aggregata u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-flussi tat-traffiku li jrawwem l-ippjanar tal-investimenti u l-aċċessibbiltà għall-għażliet ta' operazzjoni kkombinati l-aktar effiċjenti.
- Huwa preferibbli li jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha jkunu f'kundizzjoni li jiggarantixxu tnaqqis ġenerali ta' mill-inqas 10% tal-ispejjeż totali tal-operazzjonijiet tat-trasport ikkombinat fit-territorju tagħhom, abbażi tal-iżvilupp soċjoekonomiku, teknoloġiku u infrastrutturali tagħhom. Ikun utli li jkun hemm dettalji tekniċi dwar il-metodu ta' kalkolu użat għal dan il-limitu ta' 10%.
- Aħna nilqgħu l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-eżenzjoni mill-projbizzjonijiet tas-sewqan fi tmiem il-ġimgħa, billejl u fil-festi li japplikaw għal vetturi tal-merkanzija tqal li jistgħu jiżguraw flussi ta' traffiku aktar bla xkiel tat-trasport ikkombinat kif ukoll itejbu aktar il-frammentazzjoni taż-żona unika tat-trasport.